## 6 ta' Lulju, 1993

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Joseph Tabone *noe*

*versus*

John Mousù pro et *noe*

**Proċedura Sommarja Speċjali – Kawżi bil-Giljottina – Termini – Termini Ġudizzjarji – Termini Legali – Termini Ġudizzjali – Akkorċjament tat-Termini – Rikonvenzjoni**

*L-attur ippreżenta Ċitazzjoni bil-proċedura sommarja speċjali. Il-Qorti tat lill-konvenut tlett ijiem żmien biex jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet u f'każ li ppreżenta kontro-talba tlett ijiem lill-attur biex jagħmel in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet bi tweġiba għall-kontro-talba tal-konvenut. Il-konvenut ippreżenta l-eċċezzjonijiet wara t-tlett ijiem akkordati mill-Qorti.*

*L-ewwel Qorti ċaħdet talba tal-konvenut li l-eċċezzjonijiet ta' l-attur jiġu sfilzati in kwantu ppreżentati wara t-terminu konċess mill-Qorti. Il-kovnenut appella wara li l-Qorti tat digriet fis-sens illi l-eċċezzjonijiet kienu ammissibbli.*

*Il-Qorti ta' l-Appell wara li għamlet diversi riflessjonijiet fuq il-proċeudra hekk imsejħa "bil-giljottina" rriteniet illi t-termini proċedurali huma jew ġudizzjarji, li billi huma imposti mil-liġi jissejħu wkoll legali, jew ġudizzjali, li huma dawk it-termini imposti*

*mill-Qorti.*

*Iż-żminijiet legali l-Qorti tista' ġġeddidhom kif jiddisponi l-art. 106 tal-Kap. 12, mentri jistgħu jiġu akkorċjati biss fil-każ ta' urġenza kif jgħid l-art. 107 Kap. 12. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setgħetx takkorċja t-terminu ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, wara li ċaħdet it-talba għad-dispensa mit-trattazzjoni għaliex minn dak il-mument għandu d-dritt daqs konvenuti oħra normali għall-mod ordinarju. Konsegwentement anke f'każ ta' kontro-talba rikonvenzjonali, l-attur għandu dritt għal għoxrin jum sabiex jagħmel in-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu.*

*Terminu ġudizzjali mhux legali jista' jinbidel raġonevolment mill-Qorti li tkun stabbilietu jew minn Qorti fi grad ta' Appell.*

*Il-Qorti ta' l-Appell għal motivazzjonijiet diversi stabbiliet illi d-digriet ta' l-ewwel Qorti kien korrett.*

1. Il-kumpanija attriċi talbet il-Qorti tal-Kummerċ biex tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* jħallas is-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u erbgħa u disgħin lira u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm19,994.63ċ) prezz ta' biljetti, kupuni u dokumenti oħra;

2. Saret ukoll talba biex tiġi dispensata t-trattazzjoni skond il-proċediment sommarju speċjali li jipprovdi l-art. 167 Kap. 12;

3. Il-kawża ġiet appuntata għat-Tnejn 22 ta' Frar, 1993, u dak in-nhar, peress li l-Qorti, meta semgħet lill-konvenut, dehrilha li dan jista' jkollu eċċezzjonijiet x'jagħti – impliċitament ċaħdet it-talba għall-proċediment sommarju u ġie rreġistrat illi:

''.....il-Qorti tagħtih (lill-konvenut) tlett ijiem żmien biex jagħmel l-eċċezzjonijiet, u f'każ li ssir kontro-talba, tagħti lill-attur tlett ijiem żmien biex jagħmel in-nota ta' eċċezzjonijiet

tiegħu, u tapponta l-kawża għas-smigħ għas-16 ta' Marzu, 1993, fil-11 a.m.";

4. Fil-25 ta' Frar, 1993, il-konvenut ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u għamel ukoll rikonvenzjoni kontra l-kumpanija attriċi;

5. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1993, irriżulta illi l-eċċezzjonijiet għar-rikonvenzjoni ġew ippreżentati dak in-nhar, u l-konvenut talab li din in-nota tiġi sfilzata għaliex ma ġietx ippreżentata fi żmien tlett ijiem wara n-notifika tar-rikonvenzjoni – kif ordnat il-Qorti fit-22 ta' Frar, 1993, – (para. 3 *supra*). Difatti dik il-kontro-talba kienet ġiet innotifikata fl-1 ta' Marzu, 1993;

6. Kontra din it-talba, il-kumpanija attriċi rreġistrat dan il-verbal:

"Dr. Sciberras għall-attur *noe*, jirrileva illi l-attur *noe* ma kellu l-ebda direttiva, fil-kopja tal-kontro-talba, dwar l-akkoljiment tat-terminu legali, li f'kull każ hu għandu d-dritt għalih in forza tal-liġi. Ġaladarba ma kellux notifika formali bħal din, huwa, kellu skond il-liġi, terminu ta' għoxrin ġurnata għall-preżentata ta' l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba u kwindi ma jistax jingħad illi l-eċċezzjonijiet tiegħu ġew intavolati tardivament";

7. Fl-20 ta' April, 1993, il-Qorti b'digriet, ċaħdet it-talba tal-konvenut biex tiġi sfilzata n-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-kumpanija attriċi kontra r-rikonvenzjoni, u dan jgħid:

"...fil-verbal tat-22 ta' Frar, 1993, il-Qorti tat lill-konvenut

tlett ijiem żmien biex jagħmel l-eċċezzjonijiet tiegħu, billi l-Qorti dehrilha li kellha takkorċja t-termini biex il-proċeduri jinstemgħu b'ċelerità. Iċ-ċitazzjoni kienet inbdiet b'talba għas-smigħ taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kapitolu 12;

Fl-istess verbal jidher illi l-Qorti kienet ipprovdiet illi f'każ illi l-konvenut jagħmel kontro-talba, allura l-attur kien ukoll ikollu tlett ijiem żmien għall-eċċezzjonijiet;

Il-Qorti trid tagħmilha ċara mill-ewwel u a skans ta' kull ekwivoku illi hija tinterpreta l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12, bħala li jfisser, illi l-Qorti tista' takkorda żmien, anki aktar qasir minn dak normali, f'każ fejn hi tkun ammettiet lill-konvenut għall-eċċezzjonijiet;

Di fatti dan l-artikolu jgħid li l-Qorti għandha tagħti żmien *għall-eċċezzjonijiet u mbagħad il-proċedura titkompla b'mod* normali;

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut ġew ippreżentati fit-terminu previst fl-istess digriet waqt illi l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba qabżu dan iż-żmien;

Inoltre l-Qorti kif ippresjeduta tfakkar illi f'għadd innumerevoli ta' kawżi hija dehrilha li kellha takkorċja t-termini, a tenur ta' l-artikolu 173 tal-Kapitolu 12, fl-interess ta' l-ispeditezza;

L-abbli difensur tal-konvenut irrefera għal diversi sentenzi dwar verbali fl-atti ta' kawża. F'dan il-każ, il-Qorti ordnat l-akkorċjar tat-termini. Tali ordni ma tekwiparax għall-każijiet fejn, ngħidu aħna, il-partijiet qablu fuq it-termini ta' transazzjoni

(Francesco Gauci *vs* Lorenzo Bonanno, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Jannar, 1939) jew fejn sar verbal mill-partijiet fejn saret allegazzjoni speċifika li tammonta għal kważi kuntratt (Farmaċista Giuseppe Debono *vs* Giovanna Debono, Qorti ta' l-Appell, 13 ta' Marzu, 1953, u Can. Don Luigi Cini *vs* Saċ. Don Giuseppe Portelli, Qorti ta' l-Appell, 2 ta' Ottubru, 1925);

Dan hu każ għal kollox differenti. Hawn ma sar ebda verbal mill-partijiet imma ttieħed provvediment mill-Qorti għall-istruzzjoni aktar spedita tal-proċeduri;

Huwa veru illi t-terminu impost ma ġiex osservat, però din il-Qorti hi awtorizzata li tippermetti l-preżentata ta' l-eċċezzjonijiet wara. Hemm differenza bejn injoranza ta' ordni b'kapriċċ jew traskuraġni u l-każ fejn il-fatti huma kif spjegahom id-difensur ta' l-attur;

Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenut għall-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba tal-konvenut'';

8. Il-konvenut ippromwova l-preżenti appell kontra dan id-digriet għaliex ikkontradiċa l-ordni ta' l-istess Qorti tal-25 (*recte* 22) ta' Frar, 1993, u billi l-verbal imsemmi għandu l-forza ta' kważi kuntratt bejn il-partijiet, huwa għalihom vinkolanti kif tasserixxi l-ġurisprudenza;

9. Dan l-appell jirrigwarda ċerti punti ta' interpretazzjoni tad-dritt proċedurali li in parti jinteressaw mhux biss lill-partijiet imma wkoll l-ordni pubbliku u konsegwentement il-Qorti se tikkunsidrahom komplessivament, inkwantu kif inhuwa risaput, din il-Qorti għandha l-obbligu u l-funzjoni li tara li l-ġustizzja proċedurali – ikkominata mil-liġijiet tiġi minnha mħarsa,

speċjalment f'dawk il-partijiet tagħha li m'humiex imħollija għall-volontà singola jew konkordi tal-partijiet;

(a) L-istitut tal-proċedura sommarja **speċjali** (magħrufa bħala l-giljottina), ri-introdott fl-istruttura proċedurali tagħna fl-1913, għandu jiġi applikat mhux biss fil-kelma imma wkoll fl-ispirtu tiegħu. Hekk, per eżempju, fil-każ preżenti, mix-xiehda tal-konvenut, anki kif traskritta, tat-22 ta' Frar, 1993, jidher ċar li t-talba tal-kumpanija attriċi għall-proċediment speċjali, ma kienet b'ebda mod iġġustifikata inkwantu ma setax jingħad illi fid-dikjarazzjoni tiegħu, rikjesta mill-artikolu 167, Kap. 12, id-dikjarant seta' raġonevolment kellu l-fehma illi:

"...il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba";

Mhux talli – imma, il-konvenut kellu wkoll – oltre l-eċċezzjonijiet anki l-possibbilità li jipproponi rikonvenzjoni. Kif difatti ġara. Għalhekk, il-Qorti kienet obbligata – kif naturalment għamlet – li tiċħad it-talba għad-dispensa mit-trattazzjoni;

Dan stabbilit, il-preservazzjoni ta' l-istitut titlob, lill-Qorti li teżamina jekk, min talab il-proċedura speċjali kienx raġonevolment intitolat li jaħseb li verament il-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti. Jekk kien hekk intitolat, allura l-kawża, wara r-riġett tat-talba tiegħu, għandha tingħata l-kors ordinarju tagħha (art. 170(3) Kap. 12) – u tiġi ttrattata bħal u mal-kawżi l-oħra li ġew ippreżentati fl-istess data, quddiem l-istess qorti; jekk però ma kienx hekk intavolat, allura l-prudenza regolatriċi tal-konduzzjoni ġusta tal-kawżi, bis-salvagwardja tad-drittijiet ta' dawk kollha li f'dik il-ġurnata tal-preżentata taċ-

ċitazzjoni, huma wkoll avvanzaw it-talbiet tagħhom – titlob li l-kawża proposta indebitament bħala waħda speċjali għandha tiġi punita u tiġi ttrattata – almenu **wara** l-ordinarji kollha tal-ġurnata, meta mhux addirittura wara oħrajn ukoll. Din il-punizzjoni proċedurali tissalvagwarda l-istitut kif ukoll id-drittijiet tal-litiganti oħra – barra li naturalment tirreprimi l-każ li jkun ġie kommess;

(b) Fil-każ preżenti, l-ewwel Qorti ma jidhirx li għamlet dan l-apprezzament tal-posizzjoni, għaliex, għalkemm ċaħdet it-talba għall-giljottina, u dan a bażi tax-xiehda tal-konvenut, minn fejn wieħed jista' faċilment jiddeżumi li ma setgħet qatt il-kumpanija attriċi timmaġina li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba, il-Qorti ordnat lill-konvenut biex jagħmel l-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien tlett (3) ijiem. Dan sar, kif jgħid id-digriet, għaliex il-Qorti "dehrilha kellha takkorċja t-termini biex il-proċeduri jinstemgħu b'ċelerità";

Issa t-termini proċedurali huma jew **ġudizzjarji**, li billi huma imposti mil-liġi jissejħu wkoll legali – jew **ġudizzjali**, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti;

Iż-żminijiet legali, il-Qorti tista' ġġeddidhom kif jiddisponi l-art. 106 Kap. 12, mentri jistgħu jiġu akkorċjati **biss** fil-każ ta' **urġenza** kif jgħid l-art. 107 Kap. 12:

"Il-Qorti fil-każijiet li ma jridux dewmien, tista' tqassar iż-żmien legali u tordna l-esekuzzjoni ta' att minn ġurnata għal oħra jew minn siegħa għal oħra minnufih";

It-terminu msemmi fl-artikolu 158(1) huwa wieħed legali:

"Il-konvenut għandu jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba";

u għalhekk, ħlief fil-każijiet ta' urġenza ddikjarata, dan it-terminu ma jistax jiġi akkorċjat, għaliex it-termini jikkonferixxu dritt proċedurali, liema dritt, jista' jiġi limitat biss minħabba id-deroga impellenti *taċ-ċirkostanzi* li jimponu l-urġenza;

Bir-rigward kollu, għalhekk, l-ewwel Qorti ma setgħetx takkorċja t-terminu għall-eċċezzjonijiet *tal-konvenut*, wara li ċaħdet it-talba tad-dispensa mit-trattazzjoni għaliex minn dak il-mument japplika l-art. 170(3);

"Meta jingħada dan il-permess, il-kawża tiġi mismugħa u deċiża, fuq l-istess atti, **fil-kors ordinarju tagħha kif stabbilit f'dan il-Kodiċi**";

L-ewwel Qorti qalet li dan is-subinċiż ifisser li hija tista' takkorċja ż-żmien għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet, però din il-Qorti ma tistax tikkondividi kemm għaliex il-kliem tal-liġi hawn sottolineat ma jippermettix din it-tifsira, u kemm għaliex ma hemm ebda raġuni ġuridika għaliex persuna konvenuta **indebitament** bil-proċeudra tal-giljottina għandha tbati menomazzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-persuna konvenuta bil-mod ordinarju;

Id-digriet jgħid ukoll:

"Difatti dan l-artikolu (i.e. 170) jgħid li **l-Qorti għandha tagħti żmien** għall-eċċezzjonijiet u *mbagħad* il-proċedura titkompla b'mod normali";

Però dan ma jaqbilx mat-tieni (2) inċiż ta' l-artikolu 170:

"Meta l-konvenut jissodisfa l-Qorti li huwa għandu eċċezzjonijiet tajba biex jopponi l-azzjoni, jew iġib fatti li jitqiesu bħala biżżejjed biex jagħtuh id-dritt li jopponi l-azzjoni, jiġi mogħti lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu **fiż-żmien stabbilit,** f'liema każ hu għandu jħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 158 sa fejn dan jgħodd";

"Iż-żmien stabbilit" ma jidhirx li tista' tfisser "iż-żmien li għandu jiġi stabbilit" – u dan kemm skond il-kliem użat, kemm għar-riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu 158 "*mutatis mutandis*" u kemm għar-raġunijiet imsemmija f'din is-sentenza rigward l-istitut tal-giljottina u l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali;

(ċ) Dan kollu japplika meta ssir rikonvenzjoni – kif inhuwa l-każ preżenti, kif jipprovdi l-art. 398(4):

"Meta l-proċedimenti jkunu b'ċitazzjoni, kontro-talba magħmula b'nota ta' eċċezzjoni tkun tiswa daqs preżentata ta' ċitazzjoni dwar dik it-talba, li għandha tiġi nnotifikata lill-attur, **li għandu jipproċedi daqs li kieku kien il-konvenut dwarha;** u f'kull każ bħal dan, l-għeluq tal-proċedimenti prelinari bil-miktub u l-applikazzjoni ta' l-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik in-nota ta' eċċezzjoni mill-attur, jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha";

Kontra t-talba tal-konvenut biex tiġi sfilzata n-Nota ta' Eċċezzjonijiet ta' l-attur, l-attur, skond il-verbal tas-16 ta' Marzu, 1993, oppona preċiżament illi huwa **għandu d-dritt għat-terminu legali ta' għoxrin ġurnata.** Dan il-punt ġie deċiż mid-

digriet in appell, u deċiż korrettament fis-sens li l-isfilz ma sarx u n-Nota ta' Eċċezzjonijiet, ippreżentata entro l-għoxrin ġurnata mill-1 ta' Marzu, 1993 (id-data tan-notifika) imma oltre t-tlett (3) ijiem stabbilit mill-Qorti fit-22 ta' Frar, 1993;

Il-motivazzjonijiet ta' *dak* id-digriet m'humiex dawk ta' din is-sentenza, però d-deċiżjoni finali hija korretta;

Għall-kompletezza jingħad illi terminu ġudizzjali, mhux legali, jista' jinbidel, raġonevolment, mill-Qorti li tkun stabbilietu jew minn Qorti fi grad ta' appell;

10. Din il-Qorti ma tistax tagħlaq din is-sentenza mingħajr ma turi l-apprezzament tagħha għal dak li anima l-ewwel Qorti meta mxiet kif imxiet f'din il-kawża – jiġifieri sabiex "il-proċedura tinstema' b'ċelerità", provvedimenti "għall-istruzzjoni aktar spedita tal-proċeduri". Dik iċ-ċelerità u dik l-ispeditezza għandhom ikunu u huma valuri proċedurali li l-Kodiċi jimponi, iżda dawk il-valuri jridu jkunu kompatibbli mat-termini li l-istess liġi timponi u li tikkonsidra ġusti – jiġifieri relattivament u legalment ġusti – u kull kawża għandha hekk timxi b'ċelerità u speditezza, malli jgħaddu t-termini inizjali li *jimpustaw l-aspetti kontroversjali tal-vertenza;*

11. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell qed jiġi miċħud u d-digriet – fis-sens ta' din is-sentenza – qed jiġi kkonfermat inkwantu n-Nota ta' Eċċezzjonijiet ta' l-attur għar-rikonvenzjoni tal-konvenut ġiet ippreżentata fit-terminu stabbilit mil-liġi;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.